MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

20 ta' Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1 Il-minuti ġew approvati hekk kif preżentati bla korrezzjonijiet.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

38.3.1 Li kellu talba sabiex Triq iż-Żraġen issir *one-way* minn Triq il-Mixtla. Dan ifisser li mhux sa jkun hemm dħul min-naħa ta' Triq Kananea. Għaldaqstant talab approvazzjoni sabiex tintbagħat ittra ta' konsultazzjoni u jekk il-maġġoranza tan-nies taqbel tintalab approvazzjoni lil Transport Malta biex it-triq issir *one-way.* Kulħadd qabel.

38.3.2 Talba sabiex il-Kunsill jaħraq b'valur ta' €100 rdiedel/logħob tan-nar tal-art nhar il-Festa ta' Santa Marija bħalha parti mill-attivitajiet li jsiru b'kollaborazzjoni mal-entitajiet tar-raħal. L-ispiża ġiet approvata.

38.3.3 Talba għall-approvazzjoni sabiex jew tinxtara jew tiġi *leased photocopier*. Dan minħabba li l-magna preżenti għandha spejjeż kbar fid-*drum*, apparti l-fatt li parts ġew *obsolete* u mhux *worth it* tissewwa. Il-Kunsill kien favur il-*leasing* għal 5 snin minħabba l-iskema vantaġġjuża li offriet Xerox, waħda mit-tlett kwotazzjonijiet li miġbura.

38.3.4 Internal Office Call li ħarget sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' Executive Officer Skala 13. Dan billi waħda mill-istaff tal-Kunsill diga' ngaġġati mal-istess Kunsill titla' minn skala 15 ghall-skala 13. Hu qal li s-Sinjurina Karen Fsadni uriet interess f'dan il-post u għalhekk iħoss li hi kwalifikata biżżejjed sabiex jimtela' dan il-post. Qal ukoll li m'hemmx spejjeż kbar u li l-ispiża hi dik ta' skala skont l-iskali tal-Gvern. Kulhadd qabel.

38.3.5 Imejl sabiex jinbidlu l-linji tal-bini u tat-triq fi Triq il-Ġibjun hekk kif jidher u skont PC 0027/18. Din għandha tintbagħat lill-Perit sabiex jikkorrispondi mas-Sur Stanley Farrugia, PA, id-deċiżjoni tal-Kunsill li skont kif il-Kunsill fehem mill-pjanti, il-linja tal-bini ħa toħroġ iktar il-barra.

38.3.6 Talba biex tingħata għajnuna sabiex jiġu organiżżati ħarġiet għar-residenti ta' Mount Carmel billi jitħallas it-trasport għalihom. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba għax iħoss li l-entita' għandha l-*budget* tagħha għal dawn il-ħarġiet u mhux sew li jintużaw fondi tal-Kunsill.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

38.4.1 Is-Sur Alfred Zammit:

- Irringrazzja għax il-ħajt ta' Wied Irmiedi beda jinbena
- Talab li l-*bus shelters* jinħaslu. Is-SE qalet jsiru iktar 'il quddiem minħabba li bħalissa qed tagħmel ħafna xita tal-ħamrija
- Talab li jitneħħew is-siġar mejta. Is-Sur Cassar qal li s-siġar taż-żebbuġ mhux posthom hemm u li s-siġar tal-luq qed jerġgħu itellgħu.

38.4.2 Is-Sur Ralph Cassar qal:

- Li wara li ltaqgħu mal-Perit Stefan Cassar ġie suġġerit li tiġi identifikata *area* wara Mount Carmel mhix devoluta, forsi fejn hemm dak il-ġibjun baxx, sabiex jinżergħu xi siġar. Għandha tintbagħat ittra f'dan is-sens. Is-Sinjura Scerri qalet ukoll li fi Triq B'Kara fejn kienet qed tissuġġerixxi li jitneħħew iż-żebbuġ u l-konka titħaffer iktar fil-fond, ma tistax issir minħabba li għaddejjin żewġ *high tension cables*. Iż-żebbuġ ħa jitneħħa u jinżergħa Masġar Pierre Muscat. La kienu qed jitkellmu fuq is-siġar is-Sur Cordina fakkar fuq iċ-ċipressa ta' Triq Ħal-Warda sabiex jinżergħu xi siġar li tkissru mix-xarabank.
- Li l-latrini ta' Ġnien Misraħ Kola ġieli jkunu miftuħin bil-lejl.
- Li fi Ġnien Misraħ Kola hemm *rosemary* u peress li din hi invażiva jeħtieġ li titneħħa.

38.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- fi Ġnien Misraħ Kola jixtieq li jinżergħu xi pjanti indemiċi bħal buqari u narċis.
- Jixtieq li Ġnien il-Palma jiġi upgraded. Is-Sur Cordina qal li l-Perit qed iħejji xi pjanti.

38.4.4 Is-Sinjura Connie Scerri qalet:

- Li fi Triq il-Linja ħdejn l-Ambaxxata hemm bżonn li ssir rampa minħabba li anzjan ma setgħax jitla'. Is-SE qalet li jidrilha li ġa hemm u mhux għolja imma ħa tiċċekkja xorta.
- Li l-Kappillan talab ssoltu għajnuna sabiex il-Kunsill jagħmel bukkett fjuri quddiem l-espost għall-Għid. Kulħadd qabel.
- Li hemm bżonn li ssir komunikazzjoni ma' Transport Malta sabiex tal-linja terga' tibda tgħaddi minn ħdejn St. Lukes.

## 38.5 Tender Manutenzjoni ta' Dawl tat-Toroq

38.5.1 Is-Sur Cordina qal li wara s-seduta tal-PCRB nhar is-6 ta' Marzu fl-10.00, l-bord irrakomanda li din it-tender għandha tiġi ri-evalwata minn tlett membri ġodda tal-Bord tal-Evalwazzjoni. Dawn għandhom ikunu skont il-kriterji ġodda iġifieri Avukat, Perit u *Accountant* u skont kif ġa diskuss preċedentament.

## 38.6 Diskussjoni applikazzjoni Pompa tal-Petrol fi Triq l-Imdina u Bypass ġdida f'Ħ'Attard

38.6.1 Is-Sur John Debono qal li l-proġett tal-Bypass hu proġett b'impatt kbir fuq in-nies ta' H'Attard u fuq it-traffiku. Għaldaqstant wara li nġabru l-opinjonijiet tal-Kunsilliera fosthom tas-Sur Cassar li qara is-suġġeriment tiegħu dak il-ħin u li jinsabu annessi ma' dawn il-minuti, ippropona li tinbagħat risposta għall-imejl tas-Sur Fredrick Azzopardi datata 17 ta' Jannar hekk kif riprodotta hawn taħt:

*Il-Kunsill iltaqa' sabiex jiddiskuti l-proposta tal-Gvern fir-rigward tal-Bypass ta' H'Attard, izda primarjament il-Kunsill jehtieg aktar informazzjoni biex ikun jista' jifforma opinjoni fuq dan il-progett.*

*Ghaldaqstant b'riferenza ghall-imejl tieghek datata 17 ta' Jannar 2018, qed gentilment nitolbu risposta fuq dawn il-punti li gejjin:*

- ***proposti godda** li sahansitra **jinkoraggixxu aktar uzu ta' mezzi ta' vjaggar alternattivi.** Tista' Transport Malta telenka dawn il-proposti, sabiex ikunu jistghu jigu diskussi aktar fid-dettal mill-Kunsill Lokali flimkien mal-iStakeholders koncernati?*
- ***din il-proposta hija l-aktar waħda adekwata.** Hemm proposti ohra? Gew studjati alternattivi?*
- *Transport Malta (TM) ghamlet studju (u TIS) fuq it-traffiku f' H'Attard?*
- *TM ghandhom traffic counts tal-vetturi li gejjin min-naha tal-Mosta u Naxxar li jaqsmu minn gewwa H'Attard (through traffic) biex jaqbdu it-triq tar-Rabat?*
- *X'inizjattivi hadet it-TM sabiex ittejjeb is-servizz tat-Trasport Pubbliku minn u go H'Attard, u tnaqqas it-traffiku?*
- *TM ikkunsidrat li meta jigi introdott is-servizz tat-Trasport b'xejn ghall-istudenti kollha jista' jhalli impatt pozittiv fuq it-traffiku?*

*Il-Kunsill ifakkar ukoll li hemm kaz pendenti quddiem il-Qrati, li fih il-Kunsill qed isejjah ghar-rijabilitazzjoni ta' Wied Incita. Il-Kunsill ma jixtieqx li wara sforzi ta' ghexieren ta' snin ikompli jsir aktar zvilupp biswit il-Wied.*
*Filwaqt li naqblu li nibqghu nigbdu habel wiehed fl-ahjar interess tar-residenti, wiehed ghandu japprezza li minghajr informazzjoni kollha, kif mitluba, il-Kunsill ma jkunx pozizzjoni li jifforma opinjoni infurmata.*

Is-Sur Zammit qal li x'ħin ħa jitlestew il-proġetti it-traffiku ħa jkun aħjar.

Kulħadd qabel.

Rigward il-Proposta tal-Petrol Station PA7807/16 hemm qbil unanimu mill-Kunsill li ssir oġġezzjoni sabiex din ma ssirx minħabba l-impatt fuq l-ambjent u bosta fatturi oħra.

## 38.7 Rapporti

38.7.1 Ma kienx hemm rapporti..

## 38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

38.8.1 Iċ-ċedola ġiet approvata.

## 38.9 Mozzjonijiet; u

38.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 38.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

38.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' April 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 23 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |